# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' Jannar 2016**

**Numru**

**Citazzjoni Numru 122/94 RCP**

**Michele Lanteri**

**v.**

**Alan Spiteri**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li pprezenta l-attur fit-28 ta' Jannar 1994 li jaqra hekk:

> "Peress illi inti, konvenut, waqt li kont qieghed issuq "motor-cycle" registrazzjoni numru P-3436, f'Naxxar Road, San Gwann, fis-26 ta' Jannar 1993, ghall-habta tas-sitta u nofs ta' fighaxija (6.30p.m.) minhabba negligenza, traskuragni, imperizja, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, inti investejt lill-attur biex b'hekk inti kkagunajtlu griehi fuq persuntu konsistenti fi ksur tal-ghadam ta' siequ l-leminija, kif ukoll qtugh fin-nervituri tal-istess sieq u bhala konsegwenza ta' dan l-incident, l-attur baqa' jsofri minn *"post traumatic stress disorder".*
>
> "U peress illi b'hekk, l-attur qieghed u ser jibqa' jsofri minn dizabbilta' permanenti.
>
> "U peress illi inti, konvenut, responsabbli ghad-danni kosegwenzjali sofferti mill-attur.

> "U peress illi inti inqast li tersaq ghal-likwidazzjoni u konsegwenti hlas ta' dawn id-danni, ghalkemm interpellat.
>
> "Jghid issa inti, konvenut, ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:-
>
> "1 Tiddikjara u tiddeciedi li inti, konvenut, responsabbli ghal fuq imsemmi incident stadali li sehh fis-26 ta' Jannar 1993 ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija (6.30 p.m.) u li fih l-attur gie imtajjar minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku da parti tieghek meta kont qieghed issuq "motor-cycle" registrazzjoni numru P-3436 u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur.
>
> "2. Tillikwida jekk hemm bzonn dawn id-danni sofferti mill-attur, bl-opera ta' periti nominandi u
>
> "3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni likwidati.
>
> "Bl-imghax legali u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tat-12 ta' Awwissu 1993 u tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Settembru 1993 kontra tieghek ingunt minn issa sabiex tidher personalment ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-16 ta' Frar, 1994, li in forza taghha eccepixxa illi:

> "1. Illi l-incident tat-traffiku li sehh fis-26 ta' Jannar 1993 go Naxxar Road limiti ta' San Gwann ma garax tort tal-eccipjent, izda gara unikament tort u htija tal-attur li meta gie biex jaqsam fid-dlam Naxxar Road ma harisx sewwa bir-rizultat li huwa habat mal-mutur tal-eccipjent li dak il-hin kien ghaddej go Naxxar Road, sejjer fid-direzzjoni tan-Naxxar, b'*speed* regolamentari u fuq in-naha tieghu tat-triq.
>
> "2. Illi *stante* li dan l-incident ma garax tort tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma ghandu jigi mhallas minnu lill-attur ghad-danni li huwa allegatament sofra u qed isofri.
>
> "3. Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Frar, 2012, li in forza taghha iddecidiet il-kawza billi filwaqt li laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, cahdet it-talbiet tal-attur, ghaliex infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hemm decizi u senjatament ghaliex l-incident *de quo* sehh minhabba

n-negligenza u traskuragni da parte tal-attur kif deciz, bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi din hija kawza fejn l-attur isostni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident stradali li sehh fis-26 ta' Jannar 2003 u ghalhekk talab dikjarazzjoni ta' responsabbilta`, u likwidazzjoni u kundanna ta' hlas ta' danni mill-konvenut. Il-konvenut jichad li kien responsabbli ghall-istess incident.
>
> "Illi l-incident stradali mertu ta' din il-kawza gara meta l-attur kien qed jaqsam it-Triq f'Naxxar Road, San Gwann biex imur gewwa s-*supermarket* li kien jinsab faccata tieghu filwaqt li l-konvenut kien ghaddej fl-istess triq bil-mutur tieghu numru P-3436 direzzjoni minn San Gwann ghan-Naxxar u sehh l-impatt b'konsegwenza ta' liema l-attur sofra debilita` permanenti f'persuntu.
>
> "Illi hawn wiehed irid ihares lejn l-obbligi ta' *pedestrian* u l-obbligi ta' sewwieq u ssir riferenza ghas-sentenza **"Rita Calleja vs Joseph Agius"** (PA (JSP) 5 ta' Ottubru 1995 – Vol. LXXIX.ii.1277) fejn gie riaffermat il-principju li:-
>
> > *"Jekk pedestrian ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun u d-driver li jkun qieghed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subbitaneja minhabba fih, dak id-driver m'ghandux jigi tenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri f'dik il-kontingenza (Vol. XXXIX.iv.1031)".*
>
> "Illi dwar id-difiza tas-*sudden emergency* ma tistax tigi sollevata b'success meta kien hemm "qabel" vjolazzjoni mill-parti tad-*driver,* ghax allura jkun hu stess li holoq l-emergenza b'dik li tissejjah *self-created incapacity* in kwantu li ma setax izomm *a tempo, stante* li kien miexi bi *speed* zejjed (*vide* **"Il-Pulizija vs Capt. Arthur Gera",** 13 ta' Dicembru 1958)
>
> "Illi imbaghad fis-sentenza **"Antonella Tonna vs Roderick Gauci et"** (P.A. (G.V.) – 8 ta' Ottubru 2004 - Cit. Nr: 2025/00/GV) intqal hekk :-
>
> > *"Skont il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati ma hemmx dubju li pedestrian huwa ntitolat ghall-ezercizzju ta' reasonable care da parti tad-drivers, anke meta jinzlu mill-bankina u jkun fil-carriageway, u ghalhekk il-fatt li pedestrian kien fil-carriageway ma jezonerax lid-driver mill-htija, jekk dan id-driver ma jkunx uza reasonable care" (App. Krim P vs C Demicoli Vol 37 p4 p 1157)".*
> >
> > *"M'hemmx presunzjoni li pedestrian ghandu dejjem ragun. Imma lanqas m'ghandu jitqies bhala intruz" (App. Civ. Bongailas vs Mercieca Vol.L 1 p 15)."*

"Illi f'sentenza ohra pjuttost ricenti fl-ismijiet **"John Ransley et vs Edward Restall et"** (P.A. (LFS) – 10 ta' Mejju 2005 - Cit Nru: 154/02/LFS) inghad ukoll li:-

> *"Dwar il-pedestrian jinghad li dan ghandu juza l-massimu prudenza meta jigi biex jaqsam triq. L-artikoli 20 u 21 tal- Highway Code jghidu hekk :-*
>
> > *'20. Always use subways, footbridges, pedestrian crossings or central refuges, where provided. Otherwise, cross the road where you have a clear view of the road both ways.*
> >
> > *21. Before you cross, stop at the kerb, look right, look left, and look right again. Do not cross before the road is clear.'*
>
> *"Il-**pedestrian** suppost li jara vettura gejja ghax din ma taqax mis-sema. Ukoll fattur indikattiv dwar tort ta' **pedestrian** huwa meta jkun ghadu kif nizel il-bankina ghax jekk ikun kwazi qasam it-triq allura d-driver ikun kellu possibilita` kbira li jilhaq jarah. Li persuna tintlaqat vicin tal-bankina minn fejn tibda taqsam, hija indikattiva ta' distanza ravvicinata hafna ghall-karozza li ttajjarha. Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fl-ismijiet **"Micallef George noe vs Camenzuli Gordon"** deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997."*

"Illi fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Joseph Mifsud proprio et noe vs Tania Craus"** (A.C. - 7 ta' Ottubru 2005 - App. Civ 1417/96) gie osservat:-

> *"Illi hu d-dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah 'a reasonable look out', liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli…" 'Reasonable look out' ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar in plain view [Vol. LXXXII.III.322]. 'The duty to look implies the duty to see what is in plain view' [Gibbs – Trial of Motor Car Accident Cases Sec.54]. Izda ghalkemm is-sewwieq ghandu l-obbligi fuq premessi, anke il-pedestrian ghandu certu obbligi li jrid josserva qabel ma jinvadi territorju li mhux tieghu, u* cioe` *qabel ma jaqsam il-karregjata."*

"Illi dwar l-obbligi tas-sewwieq inghad fis-sentenza gja citata **"John Ransley et vs Edward Restall et"** (P.A. (LFS) – 10 ta' Mejju 2005 - Cit Nru: 154/02/LFS) fejn gie kkonfermat li:-

> *"Is-sewwieq ghandu jipprova jiehu azzjoni evasiva biex jevita li jolqot lill-pedestrian u dan specjalment jekk ma jkunx qieghed isuq b'velocita` eccessiva Apparti mill-azzjoni evasiva biex ma jolqotx il-pedestrian, normalment is-sewwieq jiehu azzjoni relattiva – u* cioe` *jaghfas il-brake meta jirrejalizza bil-presenza ta' persuna ohra quddiemu. Ghandu l-obbligu li jkollu dwal bizzejjed, u aktar ma hemm vizwali limitata ghandu aktar ikollu velocita` moderata hafna. L-istess jinghad jekk it-triq ikollha kunfigurazzjoni li tillimita l-vizwali. Irid ma jeccedix il-massimu permess mill-ligi dwar velocita` u dan l-obbligu jizdied jekk ikun qieghed isuq vicin ta' xi skola, knisja, jew playing field. [Ara f'dan is-sens **"George Micallef pro et noe v Gordon Camenzuli"** deciza 7 ta' Ottubru, 1997 mill-Onor. Qorti tal-Appell Civili Superjuri.]"*

"Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jinghad li filwaqt li l-attur jghid li qabel huwa beda jaqsam it-triq huwa hares sia lejn il-lemin u kif ukoll lejn ix-xellug u ma ra lil hadd u waqt li kien qed jaqsam dahal fih il-konvenut bil-mutur li skont hu kien ghaddej b'velocita` qawwija u bla dawl, il-konvenut jichad kwalsiasi responsabbilta` u jghid illi huwa kien ghaddej bil-mutur bi *speed* normali u kien fi trieqtu, kellu d-dawl mixghul u l-incident gara biss minhabba l-fatt li l-attur qabad u hareg minn bejn il-karozzi u qasam bla ma hares qabel.

"Illi a rigward il-manuvra tal-attur li jaqsam it-triq, issir referenza ghall-verzjoni moghtija minnu *a tempo vergine* lill-Pulizija fejn jirrizulta mir-rapport tal-pulizija (Dok. "JP 3") illi l-attur kull ma jiftakar kien *"li kien qieghed jaqsam it-triq quddiem is-savemart u sab ruhu fl-art".*

"Illi pero' mbaghad jirrizulta li fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti l-istess attur dahal f'hafna aktar dettal u qal li qabel ma qasam huwa hares sia lejn il-lemin u lejn ix-xellug, li huwa ttajjar meta kien nofs il-karreggjata, li l-konvenut kien bla dawl u li l-konvenut kien ghaddej bi *speed* eccessiv. Izda minn naha l-ohra l-istess attur jghid illi hu mar biex jaqsam it-triq wasal cirka nofs triq tajjru mutur u stembah l-isptar. Meta gie mistoqsi dwar l-i*speed* tal-konvenut jghid li ma rahx kompletament pero` jipprezumi li kien ghaddej b' minhabba l-impatt li huwa rcieva.

"Illi ghal dak li jirrigwarda s-sewqan tal-konvenut issir ukoll riferenza ghall-verzjoni moghtija minnu lill-Pulizija *a tempo vergine* ezattament wara l-akkadut. Fil-fatt jirrizulta mir-rapport tal-pulizija li l-konvenut qal li *"waqt li kien tiela minn Naxxar Road, hekk kif wasal quddiem is-supermarket persuna maskili hareg minn bejn il-vetturi li kienu ipparkjati faccatta tas-savemart u laqtu".*

"Illi fix-xhieda moghtija minnu fl-affidavit, il-konvenut qal li waqt li kien qed isuq il-mutur tieghu direzzjoni lejn in-Naxxar hu kien qed isuq *speed* moderat hafna ta' circa 30/35 km/h bid-dawl il-qawwi mixghul, kif kien qed javvicina s-supermarket Savemart li kien jinsab fuq il-lemin tieghu u kien qed isuq fid-dritt, innota li fuq ix-xellug kien hemm diversi vetturi pparkjati, kien qed isuq fit-triq fin-naha tieghu l-barra mill-vetturi cirka metru u nofs, u f'daqqa wahda hareg ragel jigri minn bejn dawn il-karozzi li kien hemm fuq ix-xellug u dan meta huwa kien xi metru boghod minnu. Jghid li fl-ebda hin qabel ma rah jigri u lanqas rah wieqaf jew ihares lejn id-direzzjoni mnejn kien gej hu. Il-konvenut ghafas il-*brake* izda laqtu xorta. Bid-daqqa l-mutur waqa` mal-art ezatt fejn habat mal-attur. Meta gew il-pulizija qalilhom x'kien gara u meta gew il-pulizija d-dawl tal-mutur kien ghadu jixghel.

"Illi ma hemm l-ebda dubju dwar il-portata u s-sinfikat tal-istqarrija *a tempo vergine* u l-importanza taghha ghal dik li hija kredibilita` ta' verzjoni jew ohra minn dawk li inghataw quddiem il-Qorti, hija dik l-aktar importanti **("Andrew Ciantar vs Joseph Coliero"** (P.A. (NA) – 13 ta' Lulju 2001) ghaliex tinghata spontanjament u minghajr ma l-partijiet ikollhom ic-cans jahsbu jew jintebhu b'certi fatti jew jitkellmu ma' terzi u kwindi jvarjaw il-verzjoni.

"Illi minn ezami akkurat tal-istqarrija tal-attur kif jirrizulta mill-okkorrenza esebita bhala Dok. "SP3" jirrizulta fil-verita l-attur ma ra assolutament xejn peress li hu stess qal li hu qed jaqsam dahal il-mutur fih u stenbah l-isptar. Fil-fatt fl-istess rapport imhejji mill-pulizija li kien kellem lill-attur hemm indikat is-segwenti:-

> *"Lanteri gie mistoqsi jiftakarx kif sehh l-incident izda huwa stqarr li kull ma jiftakar huwa li kien qieghed jaqsam it-triq quddiem is-savemart u sab ruhhu mal-art…".*

"Illi meta tinqara din il-frazi ma hemm l-ebda dubju li l-istess attur kif gara l-incident ma setax jiddiskrivih u dan ghaliex ghalkemm involut fl-incident id-dinamika tal-incident ma rahiex. Dan ifisser li l-istess attur a tempo vergine ma setax jaghti spjegazzjoni ta' kif gara l-incident, u dan jindika li l-attur lanqas kien attent meta ddecieda li jaqsam it-triq. Dan huwa importanti wkoll ghal tlitt motive elenkati mill-Perit Legali u cjoe:-

"(a) ghaliex l-attur mhux kredibbli meta jghid li skont hu l-konvenut ma kellux dawl ghax fil-verita hu ma rahx gej, izda hass biss l-impatt u kwindi ma jistax jghid jekk kellux dawl u dan ghaliex dan ifisser ukoll li r-rakkont minn naha tieghu tbiddel mill-mument li tkellem l-ewwel darba dwarhu hekk meta ma kellhu preparazzjoni ta' xejn meta mqabbel ghall meta xehed f'din il-kawza (b) lanqas hu kredibbli meta jghid li l-konvenut kien gej bi *speed* eccessiv ghax hawn ukoll hu ma rahx gej u ma sema xejn u allura kif setgha waqt is-smiegh tal-kawza jaghmel dawn l-kalkolazzjoni u l-asserzzjonijiet (c) mhux kredibbli l-attur meta jghid li huwa hares sew qabel ma qasam u ma ra lill-hadd. Dan ghaliex it-triq fejn gara l-incident tant hi wiesgha u ghad-dritt illi kieku vera l-attur hares kif kellu d-dmir li jaghmel qabel qasam allura zgur li kien jintebah bil-konvenut li kien riesaq.

"Illi hawn issir riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza **"Reginald Marmara vs Anthony Cutajar"** (P.A. (RCP) – 11 ta' Lulju 2001) fis-sens li "*ovvjament f'dawn ic-cirkostanzi meta l-konvenut issostni li ma rax lill-attur qabel l-incident, lanqas fuq il-lemin tieghu, hija awtoinkolpazzjoni, stante li huwa dover ta' kull sewwieq li jesplora sewwa t-triq, u jara dak li hemm quddiemu, b'mod li jzomm proper look out, u jara dak li huwa in plain view, u l-ammissjoni da parte tal-konvenut, li ma ra xejn qabel l-istess impatt, ma hija xejn izjed hlief ammissjoni li dawn ir-regoli bazici l-istess konvenut ma osservahomx"*

"Illi f'dan il-kuntest huwa sintomatiku dak li gie ritenut fis-sentenzi **"Carmel Schembri vs Dorianne Zerafa"** (P.A. (RCP) – 12 ta' Lulju 2001) u **"Joseph Micallef vs Joseph Sammut"** (P.A. (RCP) 28 ta' Gunju 2001) u cioe` li:-

> *"Illi ma dan irid jinghad ukoll li l-utent tat-triq u mhux is-sewwieq biss ghandu wkoll l-obbligi tieghu li jrid josserva sabiex ma johloqx periklu lill-utenti l-ohra tat-triq, u fil-fatt irid jipprova li huwa "used such care for his own safety as is a reasonably prudent man would exercise under the same circumstances"* ***(Gibb para. 127) .***

"Illi hawn jirrizulta a sodisfazzjon tal-Qorti li l-attur naqas milli jzomm *proper look out* ghat-traffiku li kien gej minn San Gwann, qabel ma qasam. Ghaliex kieku vera waqaf u hares qabel ma qasam kieku zgur li kien jintebah bil-konvenut meta kif inghad ghandek triq wiesgha u ghad-dritt u allura naqas li jesplora t-triq sew u jara dak li kien *"in plain view".*

"Illi fil-Highway Code fil-parti intitolata ***Crossing the road*** jinghad:-

"***22.*** *First find a safe place to cross. It is safer to cross using a subway, a footbridge, an island, a zebra (pedestrian crossing) or pelican crossing, or where there is a crossing point controlled by a police officer, a school crossing patrol or a traffic warden. Otherwise choose a place where you can see clearly in all directions. Try to avoid crossing between parked cars and on blind bends and brows of hills.* ***Move to a space where drivers can see you clearly.***

"***23.*** *Stop just before you get to the kerb, where you can see if anything is coming. Do not get too close to the traffic. If there is no pavement or sidewalk keep back from the edge of the road but make sure you can still see approaching traffic and the traffic can see you.*

"***24.*** *Look all around for traffic and listen. Vehicles could come from any direction. Listen well, because you can sometimes hear traffic before you see it.*

"***25.*** *If anything is coming, let it pass. Look all around again and listen. Do not cross until there is a safe gap in the traffic and you are certain that there is plenty of time. Remember, even if a vehicle is a long way off, it may be approaching very quickly.*

"***26.*** *When it is safe, go straight across the road - do not run, do not go on a diagonal. Keep looking and listening for traffic while you cross, in case there is any traffic you did not see, or in case other traffic appears suddenly."*

"Illi jirrizulta li l-attur ma hax il-prekawzjonijiet hawn imsemmija u ghalkemm jipprova jghid li huwa hares qabel qasam u li t-tort tal-incident kien tal-konvenut li kien bla dawl u bi *speed* eccessiv, fil-verita` huwa ma gabx provi soddisfacjenti ta' dan, provi li kien jinkombi fuqu li jgib biex jipprova r-responsabbilta` tal-konvenut hekk kif minnu allegata u dan fuq il-massima li min jallega jrid jipprova.

"Illi jigi rilevat ukoll li l-verzjoni tal-attur apparti li kif gja inghad m'hiex kredibbli ghar-ragunijet su citati, hija wkoll kompletament kontradetta mill-konvenut u ma ssib ebda konfort fix-xhieda l-ohra li xehdu, ossia Stephanie Grima u Antonio Pancrazi li effettivament ma raw xejn dwar id-dinamika tal-incident. Hija pero rilevanti x-xhieda ta' Stephanie Grima meta tghid illi hi ma semghetx il-mutur gej b'velocita` u li kien hemm il-karozzi pparkjati fejn kienet hi u li biex l-attur qasam, bilfors li kellu jghaddi minn bejn il-karozzi. Illi dan huwa wkoll vitali u fatali ghall-pretensjonijiet attrici li l-istess Stephanie Grima qalet li qalilha l-konvenut bhala l-ewwel kliem tieghu lilha u cioe` meta qalilha "dan min fejn hareg?" u l-istess ir-risposta taghha li kienet li hija hasbet li l-attur

kien passiggier mal-konvenut fuq il- mutur. Dan jikkonferma t-tezi tal-verzjoni tal-konvenut u ghalhekk huwa nhasad meta sab lill-attur ma' wiccu.

"Illi ma' dan jizdied jinghad li huwa wkoll sinifikanti l-fatt li skont Stephanie Grima l-attur kien indikalha li l-karozza tieghu kienet ghadha startjata u dan jindika jew jghati wiehed x'jifhem li l-attur ried ifittex jaqsam biex imur jixtri xi haga bil-ghaggla mis-*supermarket* u jirritorna lura fil-vettura li kienet startjata u kien f'dan l-animu allura li huwa qasam it-triq minghajr ma esplora l-istess.

"Illi ma' dan jinghad li jirrizulta li mill-provi huwa pacifiku li fil-mument tal-incident kien id-dlam, tant li t-triq ma kelliex dwal hlief dak gej mill-hwienet u l-konfigurazzjoni tat-triq kienet differenti minn kif inhi llum fis-sens li dak inhar tal-incident la kien hemm *zebra crossing* fil-vicin u lanqas *central strip*.

"Illi f'dan il-kuntest issir referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet "**Joseph Cachia vs Carmelo Conti"** (P.A. (JX) – 20 ta' Ottubru 1963) u din il-Qorti taghmel taghha l-insenjamenti hemm tant abbilment esposti mill-Qorti.

"Illi ma' dan jizdied jinghad li skont il-verzjoni tal-konvenut fl-affidavit tieghu li jinsab esebit a fol. 202 tal-process jidher li l-istess attur meta qasam it-triq mhux biss ma waqafx lanqas biex jesplora t-triq, izda wkoll hareg jigri minn bejn zewg karozzi li kien hemm fuq ix-xellug tal-istess konvenut u din il-manuvra saret meta l-konvenut kien xi metru l-boghod minnu. B'din il-manuvra sperikolanti l-istess attur ma ta l-ebda opportunita` lill-konvenut sabiex jevitah u dan ghaliex hasdu kompletament.

"Illi din il-verzjoni tikkombacja perfettament ma' dak li l-istess konvenut qal lill-pulizija *a tempo vergine* wara l-incident, tant li mill-istess okkorrenza jinghad li l-attur sostna li *"whilst he was proceeding along Naxxar Road, as he reached "Savemart Supermarket" a man had crossed the street from between the parked cars thereat and was knocked down to the ground"* (fol. 202). Gja inghad li fil-kaz tal-konvenut (korrezzjoni attur) dan huwa differenti ghaliex hemm indikat li huwa jiftakar biss li kien qed jaqsam it-triq u sab ruhu mal-art (fol. 202 – Dok. "SP 2").

"Illi applikati l-principjji fuq enuncjati ghall-fatti tal-kaz odjern jirrizulta li:-

"(a) Huwa l-attur li huwa responsabbli ghall-incident *de quo* ghaliex huwa mar biex jaqsam it-triq minghajr ma ha l-prekawzjoni necessarji sabiex jara li dan seta` jaghmlu minghajr perikolu ghalih u ghal utent tal-istess triq, tant li huwa hareg jigri minn bejn zewg karozzi, naqas li jieqaf, naqas li jesplora t-triq sabiex jara kienx gej traffiku u hareg fit-triq b'mod li l-konvenut ma setax jevitah, u dan irrispettivament mill-velocita` li l-attur qed jallega li l-konvenut kien skont hu ghaddej biha (allegazzjoni ta' velocita` eccessiva li lanqas ma giet ippruvata).

"(b) L-attur ma gabx provi dwar l-allegata velocita` eccessiva tal-konvenut. Anzi l-provi juru li l-konvenut ma kienx ghaddej b'velocita`` qawwijja. Madanakollu, indipendentement minn din il-karenza ta' provi f'dan ir-rigward, ma jirrizultax li l-kawza prossima ta' dan l-incident kienet allegata velocita` tal-

konvenut fl-investiment tal-vettura tieghu, anzi jirrizulta li dak li ddetermina dan l-incident kien il-mod traskurat u sperikolat li bih l-attur qasam it-triq. Dan apparti dak li semma' l-perit legali li l-velocita` ma tiddeterminax wahedha u necessarjament responsabbilta` da parti tal-konvenut. Peress li f'certi kazijiet velocita`, anke jekk aktar minn normal preskritt tista ma tkunx hi li tikkawza l-incident u f'dan il-kaz assolutament ma hemmx provi taghha.

"(c) Fil-kaz in dizamina t-triq jirrizulta kienet bla dawl u kien hemm id-dlam u dan jinkombi ghalhekk iktar u iktar fuq il-konvenut l-obbligu li joqghod aktar attent u jzomm *speed* moderat, izda bl-istess mod u manjiera dan l-istat tat-triq jinkombi fuq min qed jaqsam obbligu ukoll li joqghod aktar attent ghax ir-riskju tat-traffiku hu akbar. Ma hemm ebda prova li f'dan il-kaz il-konvenut ma kienx qed isuq b'mod prudenti, izda ma setax iwaqqaf meta l-attur holoqlu *sudden emergency* u hareg ghal quddiem f'daqqa cirka metru l-boghod minnu.

"(d) L-esponent hu tal-fehma illi fil-kaz *de quo* il-velocita` o meno tal-konvenut m'hiex u qatt ma setghet kienet il-fattur determinati li wasslet ghall-investiment tal-attur mill-konvenut, ghaliex f'dan il-kaz velocita` anke inqas minn dak permess mill-Ligi bl-ebda mod ma setghet twaqqaf l-investiment tal-attur mill-konvenut li da parti tieghu ha l-prekawzjoni li jkollu d-dawl li in vista tal-hin li fih sehh l-incident kien l-izjed mezz indikat u effettiv li hu seta` juza biex juri l-prezenza tieghu fit-triq u ma seta` jaghmel xejn izjed milli ghamel, meta l-attur qasam quddiemu habta u sabta. Ghalhekk kienet il-prezenza tal-attur fit-triq u l-manjiera li biha nstab hemm li ddeterminaw l-investiment tieghu b'ebda htija tal-konvenut.

"Illi hawn huwa relevanti li jinghad li kif inghad fil-kaz Ingliz fl-ismijiet **"Cooper vs Swadling"** citat mill-konvenut finnota ta' sottomissjonijiet tieghu *"it is the duty of every person using the road to be careful in his behaviour and to do his utmost to avoid an accident or injury. This duty subsists even though one may be exercising a right. It follows that a pedestrian who attempts to cross a highway, whether he does so with the best good intentions or whether he makes a sudden or unexpected run into the carriageway, without any warning or indication of doing so on the oncoming motorists, could be held solely responsible for causing injury to himself and to the vehicle involved".* (fol. 317).

"Illi dwar l-ezitu tal-azzjoni kriminali jinghad li hemm fl-ordinament guridiku nostrali hemm differenza bejn l-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili u dawn huma ghal kollox indipendenti minn xulxin. F'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li l-kaz odjern gie deciz mir-rizultanzi processwali u l-provi migbura f'din il-kawza, u mill-provi prodotti jirrizulta li (a) li l-verzjoni attrici ma hijiex kredibbli u lanqas verosimili ; (b) l-verzjoni attrici moghtija bix-xhieda f'din il-kawza hija kontradetta minn dak li l-attur qal huwa stess a tempo vergine lill-pulizija li nvestigaw l-incident ; (c) li huwa qasam it-triq minghajr ma ha l-prewkazjonijiet necessarji u fil-fatt hareg minn bejn zewg karozzi, jigri sabiex imur lejn in-naha l-ohra tat-triq, u b'hekk naqas li qabel ma jaqsam jesplora l-istess triq ; (d) la darba hareg minn bejn zewg karozzi bla ma waqaf u gera biex qasam it-triq huwa holoq *sudden emergency* ghall-konvenut li kien ghaddej b'mod normali

> fl-istess triq u l-prossimita` tieghu ghall-istess konvenut ghamilha mpossibli ghal dan tal-ahhar li jevita l-impatt ; (e) ma kien hemm xejn fil-provi li jindika li l-istess konvenut kien negligenti fis-sewqan tieghu, u dan inkluz f'dak li kien limitu ta' *speed* jew velocita` ; (f) li l-konvenut kien gie rinfaccjat b'*sudden emergency* u *in the agony of the collision* huwa pprova jevita lill-attur izda fic-cirkostanzi huwa ma rnexxilux ; (g) il-kawza prossima tal-incident kienet il-mod negligenti u traskurat, u addirittura sperikolat li l-attur qasam l-istess triq ; (h) ma giex ippruvat lanqas li l-istess konvenut b'xi mod ikkontribwixxa ghall-istess incident.
>
> "Illi ghalhekk in vista ta' dak kollu fuq deciz din il-Qort qed tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu kompatibbli ma' dak hawn deciz, u tichad it-talbiet kollha attrici in kwantu l-incident sehh unikament tort tal-attur innifsu."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur Michele Lanteri li ghar-ragunijiet hemm imsemmija, talab illi din il-Qorti tilqa' l-appell imressaq minnu, tirrevoka s-sentenza appellata u li minflok tichad l-eccezzjonijet tal-konvenut, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat;

Rat ir-risposta tal-appellat li permezz taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottometta li din il-Qorti ghandha tirrespingi t-talbiet kollha tal-appellant kif dedotti fir-rikors tal-appell u tikkonferma s-sentenza appellata tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-istess attur, peress li kien l-istess appellant li kien unikament responsabbli, minhabba negligenza grossolana, ghall-incident li sehh gewwa San Gwann fis-26 ta' Jannar, 1993, meta kien involut f'incident tat-traffiku u kwindi ghandu jkun huwa biss li jbati l-konsegwenzi li huwa qed isofri bhala rizultat ta' dan l-istess incident;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Dicembru, 2015, li permezz tieghu, il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-avukati tal-partijiet dehru quddiem il-Qorti u trattaw l-appell.

Ghandu jinghad mal-ewwel illi huwa risaput li l-obbligu u d-dover tal-prova li l-konvenut appellat jahti ghall-incident li fih safa korrut l-appellant jinkombi fuq spallejn l-attur li qieghed jallega li l-incident in kwistjoni sar unikament tort tal-konvenut Spiteri. Ghalhekk, huwa applikabbli l-principju li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Principju iehor li huwa relevanti hafna f'dan il-kuntest huwa li din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk tara li dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Din il-Qorti ta' revizjoni tintervjeni biss jekk tirradika fiha l-fehma li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti huwa manifestament zbaljat b'mod li jekk tibqa' tregi l-konkluzjoni bazata fuqu tkun qed issir ingustizzja lejn xi parti.

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawza, l-attur jghid li waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-mutur bin-numru tar-registrazszjoni P-3436, ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija, minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, huwa investih sabiex b'hekk ikkagunalu griehi fuq persuntu konsistenti fi ksur tal-ghadam ta' siequ l-leminija, u qtugh fin-nervituri

tal-istess sieq, kif ukoll l-attur baqa' jsofri '*post traumatic stress disorder'.* Illi b'hekk l-attur jallega li qieghed u ser jibqa' jsofri minn dizabilita` permanenti.

Da parti tieghu l-appellat isostni li fil-fehma tieghu kien l-istess appellant li kien unikament responsabbli ghall-incident u kwindi ghandu jkun l-istess appellant li ghandu jbati l-konsegwenzi kollha rizultanti minn dan l-incident.

L-ewwel Qorti sabet favur il-konvenut meta cahdet it-talbiet kollha tal-attur billi iddikjarat li l-attur kien unikament responsabbli ghall-incident in ezami li sehh minhabba n-negligenza u traskuragni tieghu.

L-attur appella mis-sentenza u jikkontesta r-responsabbilita` tieghu billi jikkontendi li l-incident sehh peress li l-konvenut ma weriex '*reasonable care'* fil-konfront tal-attur fis-sewqan tieghu.

Bl-ewwel punt elenkat fl-aggravju tieghu l-attur appellant filwaqt li jislet is-segwenti silta mis-sentenza appellata: *"Skont il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati ma hemmx dubju li pedestrian huwa intitolat ghall-ezercizzju ta' reasonable care da parti tad-drivers, anke meta jinzlu mill-bankina u jkun fil-carriageway, u ghalhekk il-fatt li pedestrian kien fil-carriageway ma jezonerax lid-driver mill-htija, jekk dan id-driver ma jkunx uza reasonable care",* jargumenta illi huwa principju fondamentali li kull sewwieq ghandu jezercita kawtela kbira fis-sewqan tieghu specjalment meta jkun ghaddej minn toroq frekwentati min-nies

jew minn bliet u rhula popolati fl-interess tal-*pedestrian* u min ikun qieghed juza l-karreggjata. L-appellant itenni li l-istess *Highway Code* jimponi l-obbligu li f'postijiet residenzjali wiehed ghandu jnaqqas il-velocita` u joqghod attent hafna ghal min ikun qed jaqsam it-triq li fil-fehma tieghu ghandha tinkludi nies li jkunu jistghu qeghdin jipprovaw jaqsmu l-karreggjata minn bejn vetturi pparkjati ma' genb il-bankina.

Din il-Qorti tasal biex taqbel mal-ewwel parti tal-argument tal-appellant, u tirreferi in linea generali, ghas-sentenza taghha tat-23 ta' Frar 1962 fil-kawza fl-ismijiet **Debono v. Camilleri et** (Kollez. Vol. XLVI.I.112), fejn din il-Qorti irriteniet li sewwieq ghandu zewg dmirijiet ewlenin li huwa fl-obbligu li josserva kull hin: (1) li jirregola s-sewqan tieghu skont il-kundizzjonijiet u c-cirkostanzi bhal ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vettura, l-istat tal-art u cirkostanzi ohra kontingenti; u (2) li jzomm dik li komunement tissejjah "*a reasonably careful look-out*" liema dmir igib mieghu wkoll dak li d-driver jara dak li jkun ragonevolment vizibbli. Riferibbilment ghal dan it-tieni obbligu, inghad diversi drabi mill-Qrati taghna, fuq l-iskorta tad-duttrina Ingliza in materja, illi "*the duty to look implies the duty to see what is in plain view".*

Madanakollu ghandu jigi rilevat li daqstant iehor ghandu responsabbilta` l-*pedestrian* li kif osservat kemm mill-ewwel Qorti, kif ukoll mill-perit legali, ghandu r-responsabbiltajiet tieghu hekk kif elenkati taht il-paragrafi 22 sa 26

tal-*Highway Code*, kodici dan li n-non-osservazzjoni tad-dispozizzjonijiet tieghu jitqies bhala agir traskurat (ara **Il-Pulizija v. Debattista** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Mejju, 2004). Partikolarment relevanti ghal dan il-kaz huma s-segwenti punti li johorgu mill-imsemmija paragrafi, li kuntrarjament ghal dak sostnut mill-appellant, iheggu lil min ikun ser jaqsam it-triq sabiex:

- jevita li jaqsam minn bejn karozzi ipparkjati;
- jersaq f'post fejn is-sewwieqa jkunu jistghu jarawh minghajr ebda xkiel;
- jieqaf ihares sew u jisma' sew peress li wiehed jista' jisma' vettura gejja qabel ma jaraha;
- jekk xi haga tkun gejja ghandu jhalliha tghaddi u imbaghad jaqsam meta jkun sigur li jista' jaghmel hekk minghajr periklu;
- wiehed ghandu jaqsam fid-dritt minghajr ma jigri;
- waqt li jkun qieghed jaqsam, wiehed ghandu jibqa' attent ihares u jisma' jekk ikunx qieghed riesaq lejh xi traffiku li seta' ma rax jew li lahaq wasal fil-qrib tieghu.

L-appellant ikompli sabiex jipprova jiggustifika l-ghala ma jaqbilx mal-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti meta jtenni li ma kien hemm ebda negligenza da parti tieghu peress li skont ix-xhieda tieghu huwa accerta ruhu li ma kienux gejjin vetturi miz-zewg nahat tat-triq qabel ma qasam, u waqt li kien qieghed jaqsam safa' mtajjar mill-konvenut li kien ghaddej b'velocita` qawwija u bla dawl. F'materja ta' incidenti tat-traffiku ghandu jigi determinat x'kienet il-

kawza prossima li wasslet ghall-incident u l-Qorti trid tistharreg jekk il-persuni involuti bil-komportament taghhom kienux direttament ipprovokaw l-incident jew ikkontribwew ghalih.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Zammit noe v. Farrugia** deciza fit-28 ta' Gunju, 2001**,** fejn intqal hekk: *"Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Jesmond Bonello v. Giulio Baldacchino** deciza fil-15 ta' Jannar, 1997 (Citazzjoni Numru 468/93) ikkonfermata fis-sentenza **Emmanuel Genovese v. Mario Borg** - Prim'Awla 12 ta' Dicembru 2000) inghad illi: - "f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabbilita` ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta' dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima u immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabbilita` u mhux l-ekwita` u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett tal-istess regolamenti, li wahdu jista' jipprevjeni l-incidenti"*. Regoli li kif rajna japplikaw kemm ghas-sewwieqa kif ukoll ghall-*pedestrians*.

Minn ezami li ghamlet din il-Qorti tal-provi migbura fil-kawza odjerna u a bazi tar-regoli li johorgu mill-*Highway Code* hawn fuq elenkati, jirrizulta li kien l-attur li naqas kemm qabel ma qasam it-triq u sahansitra waqt li kien qieghed

jaqsam it-triq. Dan qieghed jinghad riferribilment ghall-verzjoni tal-attur li minkejja li accerta ruhu li ma kenux gejjin vetturi u qasam, waqt li kien qieghed jaqsam it-triq intlaqat mill-mutur. Dan ifisser wahda minn zewg affarijiet: jew l-attur ma esplorax it-triq sew qabel ma qasam jew huwa ma baqax daqstant attent waqt li kien qieghed jaqsam. In-nuqqas tal-attur jikkonsisti filli qabel ma dan qasam it-triq u waqt li kien qieghed jaqsam it-triq, huwa ma ezercitax dik id-dilgenza mehtiega minn *pedestrian* prudenti li jkun qed jaqsam it-triq. Il-Qorti tosserva l-fatt ammess mill-attur li huwa ma rax il-konvenut gej, necessarjament iwassal ghall-konkluzjoni logika li meta l-attur gie biex jaqsam it-triq, huwa ma harisx bid-diligenza mehtiega fic-cirkostanzi, aktar u aktar meta jirrizulta li t-triq hija twila u dritta. Il-prudenza mehtiega kienet tiddetta li l-attur jibqa' jzomm *a careful lookout* il-hin kollu anke waqt li qieghed jaqsam it-triq, sabiex f'kaz ta' htiega, huwa jkun jista' jaghmel azzjoni evaziva u mhux jinjora l-vetturi li jistghu jkunu gejjin waqt li qieghed jaqsam it-triq. F'dan il-kuntest rilevanti dak li jghid l-awtur M.R. Russell Davies, "The Law of Road Traffic": "*Although there are relatively few specific statutory obligations with which pedestrians must comply, a breach of any rules of the Code relating to the road user on foot would usually be a relevant factor in most running-down cases*". (pagna 185, 5 ediz. 1973).

Din il-Qorti filwaqt li taghmel referenza ghar-rassenja estensiva ta' gurisprudenza li tinsab fis-sentenza tal-ewwel Qorti u taghmilhom taghha, tirreferi wkoll ghal dak li osservat l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza

taghha tas-17 ta' Gunju, 1961, fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Laferla**, fejn irriteniet li jekk sewwieq isostni li ma rax vettura ohra gejja, din hi auto inkolpazzjoni, ghaliex jekk seta' (kif fic-cirkostanzi stradali juru li seta') u kien imissu rah, u ma rahx, sinjal li ma kienx qieghed attent kif kellu jkun jekk ried izomm *a proper look out.* Illi huwa ritenut li dan l-insenjament ghandu jghodd ghal kull utenti tat-triq, inkluz il-*pedestrians*, f'dan il-kaz l-attur appellant.

Lanqas mill-provi prodotti ma jirrizulta li l-konvenut kien qieghed isuq bla dawl jew li kien qieghed jadopera xi velocita` eccessiva kif jittanta jghid l-appellant. Hawnhekk issir referenza partikolari ghal dak li stqarrew il-partijiet wara l-incident lill-pulizija li kien qed jinvestiga l-kaz, u tnizzel fl-okkorrenza tieghu. L-appellant jirritjeni li m'hemm xejn kontradittorju bejn dak li nghad minnu lill-pulizija *a tempo vergine* u dak li xehed waqt il-proceduri odjerni, li kienet semplicement amplifikazzjoni ta' dak li kellu jghid. Ir-raguni l-ghala il-Qrati taghna dejjem taw piz ghal dikjarazzjonijiet li jsiru *a tempo vergine* huwa proprju sabiex f'kaz ta' verzjonijiet kunfliggenti, il-Qrati jisiltu mill-verzjoni tal-partijiet dawk il-provi li jidhru l-aktar verosimili fic-cirkostanzi tal-kaz. Inoltre kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti meta ezaminat id-dikjarazzjonijiet taz-zewg partijiet involuti fl-incident moghtija *a tempo vergine*, l-importanza tal-istqarrija moghtija ezatt wara l-incident qeghda fil-fatt li tinghata spontanjament u minghajr ma l-partijiet ikollhom ic-cans jahsbu jew jintebhu b'certi fatti jew jitkellmu ma' terzi u kwindi jvarjaw il-verzjoni. Issa filwaqt li l-konvenut fix-xhieda tieghu jibqa' pjuttost konsistenti mal-ewwel stqarrija immedjatament

wara l-incident, u cioe` *"waqt li kien tiela' minn Naxxar Road, hekk kif wasal quddiem is-'supermarket', persuna maskili hareg minn bejn il-vetturi li kienu ipparkjati faccata tas-Savemart u laqtu",* l-attur jghid: "*Lanteri gie mistoqsi jiftakarx kif sehh l-incident izda huwa stqarr li kull ma jiftakar huwa li kien qieghed jaqsam it-triq quddiem is-Savemart u sab ruhu fl-art"*. Din l-stqarrija tikkuntrasta ferm mad-dettalji sussegwenti li jaghti permezz tax-xhieda bhalma huma l-elementi tal-allegati nuqqas tad-dawl u l-velocita`.

Din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tal-appellant li dawn huma biss amplifikazzjonijiet peress li dawn jikkostitwixxu elementi importanti li setghu jitfghu piz fid-determinazzjoni tar-responsabbilita` possibilment kontributorja da parti tal-konvenut, li madanakollu ma jirrizultaw minn imkien ghajr ghax-xhieda tal-attur. Anzi kif rilevat mill-ewwel Qorti jekk wiehed jara x-xhieda ta' Stephanie Grima, ghalkemm hija ma ratx id-dinamika tal-incident, hija tistqarr li hi ma semghetx il-mutur gej b'velocita` u li kien hemm il-karozzi ipparkjati fejn kienet hi u li biex l-attur qasam, bilfors li kellu jghaddi minn bejn il-karozzi; din tkompli tikkorabora l-verzjoni tal-konvenut u mhux dik tal-attur.

Kif rilevat mill-appellat fir-risposta tieghu, fix-xhieda tal-attur huwa jistqarr: *"Le, ma rajtux kompletament, imma nipprezumi illi l-velocita` kellha tkun wahda ferm gholja meta tqis il-konsegwenzi tal-impatt li rcevejt".* (sottolinjar mizjud mill-Qorti). Ghaldaqstant, apparti li jirrizulta car li kif inghad qabel il-fatt li l-attur ma rax il-konvenut gej, li fih innifsu jindika negligenza da parti tal-attur

waqt li kien qieghed jaqsam it-triq, l-element ta' velocita` hija prezunzjoni tieghu minhabba l-konsegwenzi tal-incident mhux ghax ra l-konvenut gej bi speed lejh. Fir-rikors tal-appell, huwa jkompli biex jghid li ladarba t-triq ma kenitx imdawwla, jekk il-konvenut kien gej bi *speed* normali u bid-dawl jixghel, huwa kien jarah u ma kienx jaqsam it-triq. Ghalhekk l-attur jikkonkludi li bilfors li l-konvenut kien qieghed isuq bi *speed* eccessiv u minghajr dawl u din kienet ir-raguni ghaliex l-attur ma rahx gej. Madanakollu din il-konkluzjoni tal-attur appellant hija ibbazata biss fuq assunzjonijiet li ma jirrizultawx mill-provi processwali u fl-opinjoni ta' din il-Qorti huma gratuiti ghall-ahhar. Jigi ribadit illi skont il-gurisprudenza taghna huwa ritenut illi l-attur li jallega haga huwa tenut illi jipprova dak allegat minnu sabiex jikkonvinci lill-Qorti li l-affarijiet sehhew kif vantati minnu. Minn ezami tal-provi, l-allegazzjoni tal-velocita` eccessiva hekk kif imressqa mill-attur ma tirrizultax.

Fit-tieni punt l-appellant jishaq li mhux talli l-konvenut kien qieghed isuq b'mod eccessiv talli naqas ukoll milli jzomm '*a proper look out'.* Huwa jghaddi biex jislet silta minn sentenza biex jishaq li sewwieq li jkollu traffiku quddiemu ghandu jzomm ukoll kontroll shih fuq il-vettura tieghu u jzomm distanza ragonevoli mit-traffiku quddiemu b'mod li f'kaz ta' waqfien f'daqqa u imprevist, tali sewwieq ikun f'pozizzjoni li jwaqqaf il-vettura tieghu tempestivament. L-attur jikkonkludi l-argument tieghu billi jsostni li huwa ovvju li f'dan il-kaz il-konvenut ma zammx *a proper look out* ghaliex kieku kien jara lill-attur u ma kienx jinvestih.

Din il-Qorti ghalkemm taqbel mal-principji enuncjati fil-gurisprudenza msemmija mill-appellant, tirrileva li l-kaz in ezami ma huwiex kaz ta' kollizzjoni bejn vettura u ohra quddiemha bhalma kien f'dak il-kaz citat mill-appellant li kien jittratta serbut ta' karozzi li ntlaqtu wara li karozza ta' wara baqghet diehla fil-karozza ta' quddiemha li spiccat dahlet fuq karozza ohra quddiemha. F'dan il-kaz il-konvenut kien qed isuq ghall-affari tieghu fit-triq meta nhasad b'eghmil l-attur li f'daqqa wahda qasam minn bejn il-karozzi ipparkjati u minkejja li applika l-brejkijiet sabiex jevita l-incident ma rnexxilux jieqaf bil-konsegwenza li sehh l-impatt. L-attur donnu qieghed jargumenta li kien il-konvenut li kien negligenti peress li seta' jevita l-incident stante li huwa kellu d-dover li jkollu vizwali ta' dak li kien qieghed jigri fit-triq. Huwa gurisprudenzjalment ritenut ukoll li l-fatt li wiehed seta' kien f'pozizzjoni, kieku agixxa mod iehor, li jirreagixxi tempestivament *in the agony of the moment* tal-incident biex jevita d-dannu, dan mhux necessarjament jirrendih responsabbli jew koresponsabbli ghall-incident fih innifsu. Dik il-possibbilita` ma kenitx min-natura taghha element li tiddetermina r-responsabbilita` ghall-incident, li f'dak il-mument, ikun diga` qieghed isehh, kawzat minn negligenza u traskuragini tal-parti l-ohra involuta (**Micallef St. John v. Spiteri et** deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Jannar, 2002).

Hawn issir referenza wkoll ghal insenjament iehor relevanti:

> "*Reference is still sometimes made to the supposed principle that the party whose negligence was last in point of time and could therefore could last have avoided the accident, was liable. The law Revision Committee said "in truth*

> *there is no such rule as what has been somewhat ineptly called the "last opportunity rule". The question is not who had the last opportunity for avoiding the mischief but whose act caused the wrong? It is not possible to define what will be regarded as the cause of an accident. It is rather left for the individual decision of the Tribunal to determine what in their view was in a real sense the cause*." (Bingham's Motor Claims Cases – 5 ediz. pagna 13 et seq).

Fl-ahhar punt l-appellant isostni li f'dan il-kaz ghandha tapplika it-teorija ta' "*res ipsa loquitur"* peress li mill-mod kif graw il-fatti huwa evidenti li t-tort ta' dan l-incident huwa kompletament tal-konvenut.

Ma jirrizultax lil din il-Qorti dak li qed jittanta jghid l-attur appellant. F'dan ir-rigward issir referenza wkoll ghas-sentenza msemmija mill-ewwel Qorti hekk kif ikkonfermata minn din il-Qorti fis-7 ta' Ottubru, 2005, fil-kawza fl-ismijet **Mifsud pro. et noe. v. Craus,** li kien jittratta kaz iehor fejn persuna sfat imtajra minn vettura, fejn inghad is-segwenti:

> "*M'hemmx presunzjoni li pedestrian ghandu dejjem ragun. Imma hu m'ghandux jitqies bhala intruz. Hu ghandu juza l-kura mehtiega biex ma johloqx ghal utenti l-ohra tat-triq sitwazzjonijiet ta' perikolu jew emergenza. App Civ. S. Bongailas vs J. Mercieca 20.1.70.*
>
> "*Ghalkemm il-pedestrian ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu ukoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam. Jekk il-pedestrian ikun negligenti, pero' dan ma jassolvix lid-driver tal-karozza milli juza dak il-grad ta' "reasonable care" li tinhtieg. Dan kollu jinghad, dejjem sakemm ma tkunx giet krejata mill-pedestrian lid-driver, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragjonevolment possibli, azzjoni evaziva tempestiva. (App. Krim Pul vs J. Formosa XL111 p 4 p 1023).*
>
> "*Emergenza subitanea tavvera ruha ez. meta persuna taqsam f'daqqa u tissorprendi lil konducent, jew taghmel xi moviment insolitu u inaspettat (App. Krim Pul vs J. Thorton XLV p4 p 920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq bankina, jew li jaqsam jew jitfacca ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfacca ghall-*

*gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim Pul vs Cassar Desain Vol XLV1 p 4 p 765).*

"*Il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana sancit principji importanti f'materja tal-limiti tar-responsabilita` ta' konducent meta jigi mtajjar pedestrian. Dawn huma:*

"*1. Che il-conducente per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita` di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti.*

"*2. Che i movimenti del pedone siano cosi rapidi e inattesi da farlo convergere all'improvviso sulla traiettoria dei veicolo.*

"*3. Che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente.*"

Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti l-fatt li mill-provi irrizulta wkoll li l-attur halla l-vettura tieghu mqabbda sakemm huwa mar jixtri minghand tal-hanut li kien hemm fuq in-naha l-ohra tat-triq, hija wkoll prova konducenti ghall-konkluzjoni li l-attur mar biex jaqsam fi stat li kien mghaggel sabiex jirritorna ghall-karozza tieghu. Din l-ghagla fl-opinjoni ta' din il-Qorti wasslet lill-attur sabiex jaqsam it-triq b'mod negligenti li holoq emergenza subitanea imprevedibbli li bazikament irrendiet impossibli lill-konvenut li jipprevjeni l-incident b'mod tempestiv.

Ghalhekk din il-Qorti bhal dik ta' qabilha ma tirravisax xi htija fl-agir tal-konvenut, izda tikkonkludi li kien unikament l-agir negligenti tal-attur il-kawza prossima li wassal ghall-incident ilmentat minnu u konsegwentement il-konvenut m'ghandux jirrispondi ghad-danni hekk kif prospettat mill-attur appellant.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur billi tichad l-istess, u b'hekk tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha ta' din il-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, jithallsu mill-istess attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df